**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 26/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/03/'14 309**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/03/'14 364**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13 19**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier John Agius
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (1) – Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli. (Inc. 1636/14)

1.05 Assenti (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta' Marzu 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Audited Financial Statements
4. Attivita' Festa ta' Lapsi
5. Permessi ta' Twaqqif ta' Posta jew Kiosk
6. Approvazzjoni ta' Pagamenti
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 25/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 25/K7/14.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 38/KA1/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' ).

1.4.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Minuti 38/KA1/14.

1.4.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fit-2.40p.m.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 635 | Ittra mingħand is-SolidBase Laboratory Ltd dwar *paper-free policy*. |
| 639 | Talba mingħand il-Perit Daniel Grima rigward 'Reference No. 155119' għal tibdil quddiem il-*Quenchers Bar, .* |

923 & 1097 Talba mingħand l-Allegro Hotel għal-Un/Loading Bay fi Triq Luigi Apap.

1020 Email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech dwar nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Frar 2014.

1022 Talba mingħand Ms. Sharon Mifsud dwar il-*Performance Bonus*.

1192 Korrispondenza mingħand il-MEPA rigward l-*Urban Improvements Fund.*

1302 Korrispondenza mingħand il-Blues Limited rigward bankijiet u kontenituri tal-iskart li qed jiġu offruti mingħajr ebda ħlas.

1326 Risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward talba finanzjarja li saret mill-Kunsill sabiex tigi rranġata Triq Furtu Selvatico.

1493 Ittra mingħand il-Perit Patrick Calleja rigward *cracks* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

1498 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Appell ghat-Tender ta' Servizz ta' *Accountant.*

1556 Email mingħand id-Dipartiment għas-Sajd u Akwakultura rigward talba ghal laqgħa.

1636 Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Marzu 2014.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 639**

Saret riferenza għat-talba mingħand il-Perit Daniel Grima rigward 'Reference No. 155119' għal tibdil quddiem il-Quenchers Bar. Ġie deċiż unanimament li :-

a) jekk ikollu l-permessi kollha meħtieġa mingħand l-Awtoritajiet kollha kkonċernati, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni ;

b) meta jinħareġ dan il-permess għandu jibagħat kopja lill-Kunsill.

2.03 **Rif. Nru. 1020**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech dwar nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Frar 2014. Ġie deċiż unanimament li jkun skużat għal din il-laqgħa.

2.04 **Rif. Nru. 1022**

Saret riferenza għat-talba minghand Ms. Sharon Mifsud dwar il-*Performance Bonus*. Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-performance bonus appraisal (Ara Appendiċi 'B'). Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tingħata 4% tal-*Performance Bonus*.

2.05 **Rif. Nru. 1192**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-MEPA rigward l-Urban Improvement Fund. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li din il-materja ġiet diskussa ukoll fuq livel ta' l-AKL u li għadhom għaddejin it-taħditiet.

2.06 Il-Kunsilliera Irene Borg u l-Kunsillier Anthony Grech waslu fit-2.50p.m.

2.07 **Rif. Nru. 1302**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Blues Limited rigward bankijiet u kontenituri tal-iskart li qed jiġu offruti mingħajr ebda ħlas. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Blues Limited tinforma lill-Kunsill dwar:-

a) kemm tista' toffri minn dawn il-bins, bankijiet u *street furniture* oħra kif ukoll il-postijiet fejn qed jiġu proposti li jsiru;

b) tikkonferma li t-tbattil regolari tal-bins kif ukoll il-manutenzjoni tagħhom u ta' l-*street furniture* l-oħra jkun għar-responsabilta' u spejjeż tal-Blues Limited.

Wara jekk il-Kunsill jaqbel mal-proposta li ssirlu, jrid jinħareġ il-permess mill-Kunsill skont il-*Bye Laws* K.L.B.L. 52/2/2006.

2.08 **Rif Nru. 1326**

Saret riferenza għar-risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward talba finanzjarja li saret mill-Kunsill sabiex tiġi rranġata Triq Furto Selvatico. Peress li t-talba tal-Kunsill ma

ġietx aċċettata ġie deċiż unanimament li l-Perit tal-Kunsill jiġi nfurmat biex jiftaħ biċċa mit-triq sabiex ikun jista' jara x'hemm u jekk jirriżulta li t-tiswijiet ma jistgħux isiru bi spiza minima jinforma lill-Kunsill.

2.09 **Rif Nru. 1493**

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-ittra li rċieva mingħand il-Perit Patrick Calleja rigward cracks fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja lill-Perit Stephen Farrugia.

2.10 **Rif Nru. 1498**

Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Case 84/14 - Appell San Ġiljan re Acountancy Service. Il-Kunsill ġie nfurmat li ngħata l-awtorizzazzjoni sabiex jiġi estiż il-kuntratt bi tlett xhur oħra.

2.11 **Rif Nru. 1636**

Saret riferenza għal-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Marzu 2014. Ġie deċiż unanimament li tkun skużata.

## 3. Audited Financial Statements

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li dan l-item ser jerġa jittella fil-laqgħa li jmiss peress li l-Audit Adjustment ta' l-Awdituri ma ngħatawx fil-ħin biex ikunu jistgħu jerġgħu jiġu ppreżentati l-*Audited Financial Statements.*

## 4. Attivita' Festa ta' Lapsi

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jerġa jikkunsidra li jagħti aktar finanzjament lill-Kunsill għal din l-iskema. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jżomm l-istess livell ta' l-attivita'.

4.02 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li talab laqgħa mal-Ministru tat-Turismu, l-Onor. Karmenu Vella biex jiddiskutu din l-attivita' u affarijiet oħra ta' interess għal-lokal ta' San Ġiljan. Din il-laqgħa ser issir fis-16 t'Aprill 2014, fl-4 ta' wara nofsinhar ġewwa l-Berġa tal-Italja, Triq il-Merkanti, l-Belt Valletta.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saret laqgħa mal-Leon Promotions dwar l-attivita' 'Il-Festa ta' Lapsi' fejn ġie diskuss li jsir programm b'nefqa inqas mis-sena l-oħra.

4.04 Ġie deċiż unanimament li:-

a) terga' ssir laqgħa mal-Leon Promotions biex tiġi diskussa l-attivita';

b) meta ssir il-laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Karmenu Vella, l-Kunsill jistaqsi lill-Ministru jekk tistax tintbagħat ittra flimkien mal-Ministeru tat-Turiżmu lill-istabbilimenti tal-lokal sabiex jiġu mitluba jagħtu donazzjoni ħalli tgħin lill-Kunsill biex terġa tittella' l-attivita' 'Il-Festa ta' Lapsi".

## 5. Permessi ta' Twaqqif ta' Posta jew Kiosk

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bit-talbiet li saru għat-twaqqif ta' Posta jew Kiosk fi Triq Dragunara ħdejn l-iSky Club (Ara Inc. P82/14, KA0018/NA/14 – CCF, P75/14, P76/14 – Ara Appendiċi 'C').

5.02 Saret riferenza ukoll għall-parir legali li ngħata l-Kunsill (Ara Appendiċi 'D').

5.03 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll bid-deċiżjoni u r-rakkomdazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.

5.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

a) Lis-Sur Philip Attard jinħariġlu l-permess mill-5 sas 7 t'April 2014, l-20 t'April 2014 u s-27 t'April 2014 skont il-Leġislatura Sussidjarja 441,04 dment li jkollu l-permessi kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u s-Sanita', u li l-post jitħalla nadif wara l-attivita'.

b) Fir-rigward it-talba tas-Sur Alexander Camilleri f'isem is-Sinjura Susan Saliba, il-Kunsill u l-Kumitat Amministattiv Paceville jimxu mal-parir legali u qabel jinħariġlu il-permess, is-Sur Camilleri jiġi nnotifikat li l-Kunsill għandu bżonn prokura mingħand Ms. Susan Saliba fejn tagħti l-kunsens lis-Sur Alexander Camilleri li jista' japplika għan-nom tagħha.

c) La darba Ms. Susan Saliba tagħmillu l-prokura, jinħariġlu l-permess għall-20 t' April 2014 u s-27 t'April 2014 skont il-Leġislattura Sussidjarja 441.04 dment li jkollu l-permessi

kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u tas-Sanita' u li l-post jitħalla nadif wara l-attivita'.

**St. Patrick's Day**

5.05 Il-Kunsill ġie nfumat li kellu jsir *extra cleaning service* minħabba l-ħmieġ esaġerat li tħalla.

## 6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3557 sa 3564 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3557 sa 3564.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 8. Materji Oħra

8.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li talab lill-MP&DC biex jagħmel stima għal upgrading tal-Pjazza n-naħa ta' Triq il-Kbira, Triq San Ġorġ u Triq Wied Għomor, kif ukoll Telgħet Birkirkara skont il-pjanti mehmuża (Ara Appendiċi 'G'). Dan bl-iskop li l-

Kunsill iressaq talba lir-Reġjun Ċentru biex dan il-proġett jiġi ffinanzjat mir-Reġjun.

8.02 Wara diskussjoni l-Kunsill approva unanimament il-proġett u ġie deċiż li ssir talba mill-Kunsill lir-Reġjun Ċentru biex jiġi kkunsidrat li dan il-proġett jiġi ffinanzjat mir-Reġjun.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ avviż biex jinxtara cold asphalt (Ara Appendiċi 'H') u fejn huwa possibli qed isir ix-xogħol mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

8.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn persuna barranija biex tiġi ntrodotta il-lanċa għall-Belt Valletta.

8.05 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li din il-persuna jkollha l-permessi kollha meħtieġa u l-ispejjeż kollha jkunu għaliha.

8.06 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 10 t' April 2014 fis-2.00p.m.

8.07 Ġie deċiż li l-Kunsillier Anthony Grech jiltaqa' mal-Kuntrattur tal-Mica Med biex flimkien jaraw fejn hemm bozoz maqtugħin. Qabel isir ix-xogħol għandha tingħata lista lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill biex tinħareġ il-'works order'.

8.08 Il-Kunsillier Anthony Grech u il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ġew skużati fl-4.05p.m.

8.09 Il-laqgha ntemmet fi fl-4.10p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |